Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

# Laqgħa Kunsill Reġjonali Port Nu 37

29 ta' Lulju 2024

President / Viċi – President / Membru

Qiegħed tiġi mitlub sabiex tattendi għal-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port. Din il-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port Nu.37 li ser tinżamm nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju 2024 fil-17:30 ġewwa l-Uffiċju Amministrattiv tar-Reġjun Port.

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

37.1 Ittri ta' Apoloġija
37.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.36
37.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 31
37.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2024
37.5 Post vakant – Viċi President Reġjun Port
37.6 Board tal-Għażla – Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura
37.7 Board tal-Għażla – Segretarju Eżekuttiv
37.8 Binja Reġjun Port
37.9 Ftehim Fondazzjoni Kottonera – Belt Kulturali Ewropea
37.10 Komunikazzjoni mill-President
- Fondi mill-Kunsilli Malti għall-Arti – Regional Cultural Cooperation Programme
- Sessjoni ta' informazzjoni mill-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalita'
- Korijiet fil-Milied fil-Knejjes ġewwa r-Reġjun Port

37.11 Aġġornament

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 35/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Skużat |
| Sur Clayton Cascun | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Skużat |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Assenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Assenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Skużat |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**35. 1 Ittri ta' Apoloġija**

35.1.1 Il-President semma li s-Sur Boxall, is-Sur Cascun u s-Sur Attard talbu li jkunu skużati filwaqt li is-Sur Zammit u s-Sur Grima ma nfurmawx lir-Reġjun li ma kienux ser jattendu għaldaqstant tniżżlu bħala assenti. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Vince Borg kien hemm qbil fuq dawk preżenti u dawk assenti.

**35.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 34**

35.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 34 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv.

35.2.2 Fuq proposta tal-President issekondat mis-Sur Clive Pulis il-minuti ġew approvati kif preżentati.

**35.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 30**

35.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Marco Agius u s-Sur Vince Borg ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Mejju 2024 u l-10 ta' Ġunju 2024 li kienet tammonta għall-€322,100.29.

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

**35.4 Punti oħrajn**

**35.4.1 Ġbir ta' skart**

Il-President spjega li fondi mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għadhom ma daħlux għand ir-Reġjun. Il-President semma li jekk mhux ser jgħaddu l-fondi r-Reġjuni ser iwaqfu l-ġbir. Semma li l-President tal-Assoċjazzjoni diġa ikkomunika dan mad-Direttur Ġenerali. Il-President semma li ser jieħu rendikont ta' dawk il-Kunsilli li fadallhom iħalsu lir-Reġjun fuq ġbir ta' skart. Semma li huwa tkellem mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u anki mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex ikun hemm assistenza lill-Kunsill tal-Kalkara sabiex isolvi l-problema tal-cashflow.

**35.4.2 Binja Reġjun Port**

Il-President semma li d-Dipariment ta l-gwida tiegħu li r-Reġjun għandu jagħmel talba għal direct order peress li l-art hija tal-Gvern u l-Knisja.
Dawk preżenti qablu li jsir market research bħala parti mill-proċess qabel jitkompla l-proċess.

**35.4.3 Skema Clea Up – SPI**

Il-President semma li r-reġjun ser ikun qed japplika għall-iskema f' isem il-Kunsill Lokali; Żabbar, Xgħajra u Birgu. Il-Kunsill tal-Kalkara kellu jikkonferma jekk hux diġa ssottometta l-applikazzjoni. F' każ li għadha mhux sottomessa din ser tkun konkluża ma' dik tar-Reġjun Port,.

**35. Aġġornament**

35.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' wara nofsinhar. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv